# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 16.**

**Citazz. Nru. 1775/00 JRM.**

**AIR MALTA p.l.c.**

**vs**

**WINGS COURIER LIMITED.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u sitta u disghin

lira Maltija u erba' u ghoxrin centezmi (Lm4896.24) ghall-"storage/handling ghal courier services";

Illi nonostnte li giet interpellata anke ufficjalment l-istess socjeta' konvenuta baqghat inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u sitta u disghin lira Maltija u erba' u ghoxrin centezmi (Lm4896.24) ghall-"storage/handling ghall-courier services";

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' Settembru 1999 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, **tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** b'dan illi tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta' attrici konsegwentement

tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u sitta u disghin lira Maltija u erba' u ghoxrin centezmi (Lm4896.24) ghall-"storage/handling ghall-courier services" u bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' Settembru 1999 kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet dekorribbli mis-6 ta' Settembru, 1999, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**